# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT
## Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. LL.M. Mag. Jur. (EU Law)

**Seduta tal-lum il-Hamis 10 ta' Mejju, 2001**

Avviz numru 11/01G2

Direttur tal-Yatching Centres Awtorita' Marittima ta' Malta

-vs-

L-Avukat Dottor Anton Refalo bhala kuratur deputat ta' Natale Faccioli nominat b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tal-25 ta' Settembru 2000

Il-Qorti;

Rat l-avvizipprezentat mill-Awtorita' Marittima fejn talbet li prevja dikjarazzjoni li hija dovuta lill-Awtorita' attrici mill-konvenut nomine s-somma ta' sebgha mija u hamsa u sittin lira Maltin (LM765), ihallas lill-Awtorita' attrici dan il-pagament, liema somma hija dovuta mill-konvenut nomine bhala berthing fees ghall-uzu ta' l-irmigg ghad-dghajsa tal-konvenut maghrufa bl-isem "CLOCHARD" bin-numru 2924, u ghal servizzi ohra bi hlas li gew provduti lil din id-dghajsa fuq il-pontoon tal-Yatch Marina tax-Xatt ta' l-Imgarr, Ghajnseielem, liema hlas baqa' ma giex saldat.

Bl-imghaxijiet mid-data li fiha gew ipprovduti dawn is-servizzi sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Anton Refalo nomine fejn eccepixxa:

1. illi huwa jopponi t-talbiet attrici stante li huwa dovut l-ebda hlas ta' berthing fees.

2. Illi fi kwalunkwe kaz trid issir l-prova ta' l-allegat kreditu.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-10 ta' Mejju 2001.

Il-Qorti;

Jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati u ghaldaqstant tiddiciedi billi tilqa' l-istess talbiet, tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' sebgha mija u hamsa u sitti lira Maltin (Lm765) bhala berthing fees ghall-uzu ta' l-irmigg ghad-dghajsa maghrufa bl-isem CLOCHARD b in-numru 2924 u ghal servizzi ohra bi hlas li gew provduti lil din id-dghajsa fuq il-pontoon tal-Yatch Marina tax-Xatt ta' l-Imgarr Ghajnsielem.

Bl-imghaxijiet legali mid-data li fiha gew provduti dawn is-servizzi sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur